27 ta' Novembru, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Teresa Avellino et. versus Francesca Vella et.** (*)

**Kummerċjant — Mara — Kompetenza — Art. 12 (1) (2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-mara miżżewġa ma tistax teżerċita l-kummerċ mingħajr il-kunsens ta' żewġha; imma dan il-kunsens jista' jkun mhux biss espress, imma anki taċitu; u l-kunsens huwa taċitament mogħti meta l mara teżerċita l-kummerċ publikament u notorjament, u r-raġel ma jagħmilx oppożizzjoni għal dak l-eżerċizzju. Din l-oppożizzjoni, però, trid issir per mezz ta' dikjarazzjoni kuntrarja b'att publiku li jirreġistra fil-Qorti tal-Kummerċ, u ta' avviż publikat fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'gazzetta oħra.*

*Mingħajr din il-formalità l-oppożizzjoni tar-raġel ma tiswiex. Xejn ma jiswew il-projbizzjonijiet magħmula, anki solennement, b'attijiet publiċi, b'ċirkulari, b'avviż fil-ġurnali, b'avviżi fuq il-bibien jew twieqi tan-negozju. It-terzi jistgħu dejjem ma jagħtux każ tagħhom.*

*Il-kwistjoni, imbagħad, jekk il-kummerċ tal-mara jkunx qiegħed jiġi eżerċitat publikament u notorjament, hija kwistjoni ta' fatt rimessa għall-apprezzament tal-ġudikant.*

*Jekk ma jiġix pruvat il-kunsens espress jew taċitu tar-raġel, il-mara ma tistax tiġi kunsidrata bħala kummerċjanta; u għalhekk ma hix kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ biex tieħu konjizzjoni ta' kawżi li jsiru kontra dik il-mara in konnessjoni ma' dak l-eżerċizzju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-attriċi silfet lill-konvenuta "brevi manu" diversi somom ta' flus, ammontanti b'kollox għal £220. 10. 0, sabiex l-istess konvenuta tinnegozjahom billi tislifhom lil ħadd ieħor; u li l-kontendenti kienu ftehmu illi dawk il-kapitali kollhom jiġu restitwiti f'diversi pagamenti a rati mensili jew

(*) Konfermata fl-Appell. Appell Kummerċjali 22. 1. 54.

terminu ieħor; u li l-konvenuta ħallset £38. 17. 0 akkont tas-somma fuq riferita, u mbagħad waqfet u ma ħallset xejn mis-16 ta' Frar 1953 l-hawn, u kwindi l-konvenuti baqgħalhom jagħtu £181. 13. 0, bl-imgħax fuqhom; u li l-konvenuta ma baqgħetx tħallas, mhux biss lilhom, imma anki lil kredituri oħra, u għalhekk huma għandhom raġuni tajba biex jaħsbu li l-konvenuti saru insolventi; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuti ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu, u li jiġu l-istess konvenuti kundannati ħallsu lilhom is-somma fuq riferita ta' £181. 13. 0 għar-raġunijiet fuq indikati; bl-imgħax legali mill-ġurnata li l-pagamenti kienu dovuti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali u tal-mandat kawtelatorju ta' elevazzjoni, rispettivament in data 29 ta' Marzu u 8 ta' April, 1953;

*Omissis*;

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza;

Skond il-liġi tagħna, il-mara miżżewġa tista' teżerċita l-kummerċ bil-kunsens biss, espress jew taċitu ta' żewġha; u l-kunsens tar-raġel jitqies dejjem mogħti meta l-eżerċizzju tal-kummerċ hu publiku u notorju, kemm il-darba r-raġel ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja b'att publiku reġistrat fil-Qorti tal-Kummerċ u publikata b'avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra (art. 12(1) u (2), Kodiċi tal-Kummerċ;

Din il-kondizzjoni tal-kunsens tar-raġel ġiet imposta unikament għar-raġuni tas-sottomissjoni tal-mara għall-awtorità maritali;

Skond il-liġi ċivili, l-awtorizzazzjoni, l-intervent u l-kunsens bil-miktub tar-raġel, huma neċessarji għal kull singolu att li tagħmel martu, jekk hu ma jkunx taha l-awtorizzazzjoni ġenerali; imma l-molteplicità u ċ-ċelerità ta' l-affarijiet fil-kummerċ huma inkompatibili ma' l-awtorizzazzjoni speċjali jew ma' l-intervent tar-raġel għal kull att ta' kummerċ, u għalhekk il-liġi kummerċjali tirregola l-mod li bih ir-raġel imissu jawtorizza lill-martu, billi tistabbilixxi l-prinċipju ġenerali illi l-mara tista' teżerċita l-merkatura bil-kunsens espress jew taċitu ta' żewġha. Fi kliem ieħor il-mara miżżewġa ma tistax teżerċita l-kummerċ mingħajr il-kunsens ta' żewġha; u l-liġi, biex

tiffaċilita l-prestazzjoni tal-kunsens maritali, mhux biss tiddispensa mill-formalitajiet rikjesti mill-Kodiċi Ċivili, imma, u peress li l-kunsens jista' jirriżulta minn difett ta' oppożizzjoni jew mill-akkwijexxenza ta' żewġha, tippermetti lill-mara miżżewġa li teżerċita l-kummerċ anki bil-kunsens taċitu, preżunt, in difett ta' oppożizzjoni ta' żewġha, meta l-kummerċ tagħha ikun minnu konoxxut, billi, jekk huwa jgħix magħha u jħalliha teżerċita l-kummerċ, dana jfisser illi jakkonsenti. Kieku kellha tiġi konċessa lir-raġel il-fakoltà li jimpunja l-attijiet ta' martu, li bit-tolleranza tiegħu wera li jirritjeni validi, tkun qegħedha tiġi mogħtija arma patenti ta' frodi;

Mill-fatt li l-mara miżżewġa teżerċita publikament u notorjament il-kummerċ mingħajr id-divjet ta' żewġha, il-liġi tiġbed il-preżunzjoni tal-kunsens tiegħu; u biex jimpedixxi lill-martu l-eżerċizzju tal-kummerċ, huwa ma għandux ħlief mezz wieħed, dak fuq indikat — jagħmel dikjarazzjoni kuntrarja b'att publiku li jirreġistra fil-Qorti tal-Kummerċ, u jippublika wkoll avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'gazzetta oħra. Mingħajr dan, xejn ma jiswew il-projbizzjonijiet magħmula, anki solennement, lill-martu b'attijiet publiċi, b'ċirkulari, b'avviż fil-gurnali, b'avviżi fuq il-bibien jew twieqi tan-negozju. It-terzi jistgħu dejjem ma jagħtux każ tagħhom;

Il-kwistjoni jekk il-kummerċ huwiex publiku u notorju hija kwistjoni ta' fatt rimessa għall-apprezzament tal-Qorti, u li bħala regola ma toffrix diffikultà; għaliex l-insjeme ta' l-attijiet u ta' l-operazzjonijiet jista' jikkonstata l-eżerċizzju ta' dak il-kummerċ pależi li r-raġel imissu jkun jaf bih, jew jista' faċilment jikkonoxxi;

Din il-publiċità u din in-notorjetà ma ġietx, fil-każ preżenti, pruvata. Ma ġewx pruvati attijiet u operazzjonijiet tali illi l-insjeme tagħhom jikkostitwixxi dak il-kummerċ dehri u magħruf, li, appuntu għax dehri u magħruf, ir-raġel tal-konvenuta ma setax ma jikkonoxxiehx, jew almenu seta' faċilment jikkonoxxieh. Lanqas biss ma ġie soddisfaċentement pruvat li l-konvenuta tagħmel attijiet ta' kummerċ imtennijin f'serje u suċċessjoni, f'kontinwità organika li fiha appuntu

jikkonsisti l-eżerċizzju ta' l-attijiet ta' kummerċ, wieħed mill-estremi indispensabili kostitutivi ta' l-istat ta' kummerċjant. Il-liġi kummerċjali ma tokkupax ruħha minn nisa miżżewġin illi jillimitaw ruħhom li jagħmlu singoli atti ta' kummerċ mingħajr ma jsiru kummerċjanti, kif jidher mill-kliem tal-liġi "teżerċita l-kummerċ" fl-artikolu tal-liġi fuq riferit;

Kwindi la ġie pruvat il-kunsens espress, u lanqas il-kunsens taċitu, preżunt, tar-raġel ta' l-attriċi; u l-eċċezzjoni li l-konvenuta ma tistax tiġi kunsidrata kummerċjanta, u li għalhekk din il-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża, ma tistax ma tiġix akkolta;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-atturi.